# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta' Novembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Sciberras)**
**vs**
**Antoine Borg**

Kumpilazzjoni 801/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Antoine Borg detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 68382(M).

Akkuzat talli fit-12 ta' Settembru 2007 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistat b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf u cioe' kien fil-pussess ta' mobile phone ta' ghamla Nokia 6233 valur ta' LM105 proprjeta' ta' Bjorn Vassallo minn San Gwann.

Rat id-digriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisafacjentment pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni ta’l-imputat, l-fedina penali tieghu kif ukoll id-dekors taz-zmien mid-data li fih twettaq ir-reat in ezami.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**